# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. — IT-TLIETA, L'14 TA OTTUBRU, 1913. — Nru. 86.

*Inbiercu b'kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Cliem tad-deheb.

III.

## Il għaliex haûn il għacs?

Haŭn il għacs; imma, da'l għacs minn fejn hu gej?— Sabiħa din! iŭieġbu bosta. Għad jinsab min ma jafx minn fejn hu gej il għacs li għandna fukna? Haŭn il għacs, għax ma haŭnx flus; u ma haŭnx flus, għax haŭn il kagħad. Il cummerċ ŭakaf għal-collox; Vapuri u Flotta ma għadhomx iridu jafu iżjed bil Port ta Malta; mit-Tarżna bagħtu lil cull-ħadd barra; il Gvern mil banda l'oħra, ftit jeŭ xejn jokgħod iħabbel moħħu għalina, biex ikabbad in-nies għax-xogħol; anzi, mita chellu ix-xogħol, ħaddmu f'dakka; u biex ifittex jispiċċa, gieb l'eluf tal ħaddiema minn barra. U din hi li Storja collha tal għacs, li jinsab fukna.

Ngħid li dan collu hu ta bilħakk. Il ħtija ta dan il għacs, hu in-nukkas tax-xogħol, tal cummerċ u ħŭejjeġ oħra. Imma, haŭn għandna niekfu? Ma għandniex nissuctaŭ nimxu il-kuddiem, sa chemm insibu l'eŭŭel bidu, li minnu gej dan il għacs? Jecc tigi marda, li tintricheb u li, għalhecc, tmarrad jeŭ tekred lil cull-min issib, dlonc ngħidu li di'l marda giet fukna għax gibniha minn barra, għattrascuraġni ta min għandu jinducralna saħħitna. Jecc jitħassar il frott u is-siġar jimirdu, inŭaħħlu fid-dud. Jecc ir-raba ma jatix, inŭaħħlu fin-nukkas tax-xita, fis-silġ, fir-riħ, fil glata. Jecc jigi deni, li ma jeħda katt u lil ħadd ma jaħfirha, jeħel l'ilma tal bjar u il ħalib tal mogħża, jiġu iccundannati il mogħoż, irvinati siedhom; u f'collox u ta cull darba, ma tismax ħlief jiżżeffen id-drenaġġ. Imma, narġa ngħid: Sa haŭn għandna naslu bir-raġunijet tagħna? Haŭn għandna niekfu? U ma għandniex nibkgħu sejjrin il-kuddiem, sa chemm insibu l'eŭŭel bidu tal għaŭġ u il hemm tagħna, biex, jecc jista icun, inreġġgħuħ l'ura? Jecc ŭieħed icun għaddej minn triek u isib lil min iŭaddablu ħaġra, li biha jodorbu; dan il bniedem ma jibkax b'sabru billi jokgħod iħares lejn il ħaġra u igħid: Di'l ħaġra darbitni; imma, iħares, ifittex, jistaksi minn fejn giet dic il ħaġra, min ŭaddabhielu, u għaliex ŭaddabhielu.

F'li Storja Sagra insibu imsemmi id-Dilluvju Universali, li għarrak l'art b'collha chemm huma il bniedmin, il bhejjem, it-tajr u il ħŭejjeġ collha li chienu jinsabu fiha. Min chien li gieb dic il għarka hecc cbira? Chien l'ilma; u l'ilma giè minn dic ix-xita tal biża li għal erbgħin jum u erbgħin lejl, b'kaŭŭa tal ŭaħx, bakgħet, bla xejn ma teħda, nieżla fuk l'art, u ma ŭakfetx sa chemm l'ilma għola fuk il kuċċata tal għola muntanji ħmistax il cubu, jigifieri, ma dŭar il għoxrin pied. Chien Alla, li ġagħal tinżel dic ix-xita, biex bil kaŭŭa u il qŭantità tal ilma tgħarrak id-dinja. Minn mija u għoxrin sena kabel, Alla chien ilu ihedded lill bniedmin bid-dilluvju, biex huma jifthu għajnejhom u jekfu mil ħażen taħħom.— *Ŭasal il ŭakt għall kirda tal bniedmin collha*, kal Alla lill Noè. *L'art inżegħded bil ħażen taħħom; u Jena, għalhecc nekridhom flimchien mal art.* Haŭn iccmandaħ biex jagħmel l'Arca; kallu chif għandu jagħmilha; taħ il kiesien collha taħħa; imbagħad, issocta igħidlu: *Jena nibgħat fuk l'art l'ilma tad-dilluvju, biex joktol il bniedmin collha u cull ma, mis-sema l'isfel, għandu il ħajja; u cull ma jinsab fuk l'art jinkered* (Genesi, Cap. VI. 13. 17.)

Jena ŭisk naħseb illi, li chiecu ma chienux daŭn il chelmiet t'Alla bil bosta ċari, chien icun haŭn min icollu il ħila igħid li dic tad-Dilluvju chienet cumbinazzjoni, u mhux castig t'Alla għall ħażen tal bniedmin. Il għaliex hecc soltu jagħmlu; għal cull għaŭġ u hemm li jigi fukna, mard, tempesti, terremoti, għerer, għacs, dlonc ingibu ħafna raġunijet biex igħidu u ifissru minn fejn icun gej dac il hemm li icun; ħaġa ŭaħda ma igħidux, jigifieri li dac icun gej mil ħażen tagħna......

«Haŭn aħna! Usalna fejn chellna naslu! Dejjem għânja ŭaħda!.. Haŭn il għacs, għax haŭn il ħażen!» Għandhom mnejn actarx jinsabu minn daŭc li igħiduhom daŭn il chelmiet; u, forsi, mal cliem ifakkgħu id-daħc.

*(Jissocta)* — A. S.

## Li Storja tal Papiet.

VI.

### San Evaristu.

Dâm Papa 9 snin, 7 xhur u jumejn.
Sar fis-sena 112, miet fis-sena 121.

Ŭara San Anacletu sar Papa San Evaristu. Jingħad li actarx tŭieled f'Antiochja, imma missieru chien lhudi imnissel minn Betlemm. Dan il Papa, scond ma ħalleŭ mictub bosta għorrief, għamel xi ligijet fuk iż-żŭieġ tal insara, fuk iċ-ceremoni imkadsa u fuk l'opri tal Iskfijet. Kassam ucoll il Cnejjes ta Ruma lill kassisin biex l' insara jistgħu icollhom fil kabda il bżonnijet taruħ. Difensur kalbieni tal Cnisja ta Gesù Cristu, chien collu nâr biex inissel f'ħaddieħor curaġġ u ħila biex iżommu tajjeb fil ligi nisranija. Fil ŭakt li l'għedeŭŭa tal insara chienu ifittxuhom għall meŭt, San Evaristu collu kalbieni chien jassistihom u jicconfortahom fid-dŭejjak taħħom. Mhux għalxejn, immela, li San Ireneŭ, San Epifanju u Santu Ŭistin chitbu ħafna fuku.

Chien fi żmienu li Trajanu għamel għerra contra il Persjani, li seŭŭa iċ-Circlu maħruk minn Neruni, li żejjen b'portijet sbieħ li bliet ta Ancona u Civitavecchia u għamel ħŭejjeġ oħra cbar fl' imperu Ruman. Imma l'opri ta San Evaristu għaddeŭ bil bosta daŭc ta Trajanu, għalavolja dejjem imħabbat u imnicchet.

Per mezz ta dan il Papa, il Fidi nisranija chibret u xterdet tant li ġagħlet l'għedeŭŭa jintleŭ bir-râbja għall'insara u tkanżħu chemm felħu biex jekirduhom. Imma għalxejn. San Evaristu, bil għerf u il kdusija tiegħu, għaraf tant seŭŭa iriegi il Cnisja, li din chibret bil bosta taħt il ħacma tiegħu. Jingħad li, fi tliet ordinazzjonijet li għamel, geŭ ordnati 5 jeŭ 15 l'Iskof, 6 jeŭ 17 il Kassis u żeŭġ Djaconi. Dan il Papa, barra tant xogħol li għamel għall gid tal Cnisja, ried ucoll li id-Djaconi icunu xhieda tal pre-

dicazjoni tal Iskfijet, biex minnhom dejjem ictar jitgħallmu u f'li istess ħin biex il chelma t'Alla dejjem ictar icollha kaŭŭa da parti ta min jismaħħa. Dan il Papa miet martri ŭakt li chien isaltan l'Imperatur Adrjanu fis-sena 121 u il fdal ta gismu jinsab ma genb dac ta San Pietru, fil Vatican. Miet San Evaristu: imma le mietu l'opri tiegħu: daŭn għadhom ħajja dejjem u jitchellmu minnu bħala Papa cbir, kalbieni u ħaddiem ŭisk fil Cnisja ta Gesù Cristu.

CAPP. A. BONANNO.

# Ma dûarna.

Is-Sinjurina Agnese Schembri, ŭaħda mil chittieba tagħna bl'ittri *A. S.*, talbitna ngħidu li daŭn l'articoli li kiegħdin jidhru issa fil *Ħabib* b'li stess ittri, fuk il għacs, fuk l'emigrazzjoni u ħŭejjeġ oħra,m'humiex taħħa. Aħna diġà għedna li daŭc l' articoli huma ta *ŭieħed* li chiteb cotba bil Malti chemm għandu xaħar f'rasu: mela, diġà għedna li hu *ragel.* Imma, biex niccuntentaŭ is-Sinjurina Schembri, li għandna għaliha kima cbira, bħalma għandu cull-ħadd, għax għall gid cbir li tagħmel lill Malta u lill Maltin iħobbha sa 'd-dud tal art, ngħidu li *A. S.* hu Sacerdot u xi ħaġa iżjed ucoll: *Sacerdot* li jifhem bir-rekka collha xi tfisser din il chelma cbira.

—Dac il ħabib li bagħtilna *Avvis tal chira* biex ingibuħ cull darba, ma nistgħux nakduħ, għax aħna xi aħbar ta ħŭejjeġ hecc natuha b'xejn f'dan li stess articlu *Ma dŭarna* u biex nagħmlu pjacir, imma *Avvisi fissi* ma naccettaŭx għal issa. Il kuddiem, bil għajnuna t'Alla, actarx icun xort'oħra; u incunu nistgħu nakdu lil cull-ħadd, fil ħŭejjeġ xierka u serji.

—Nhar il ħadd li gej, fil Cnisja tal Pilar, fis-sitta nieksin qŭart ta fil għodu, tibda in-*Novena* tal Appostlu San Ġuda Taddeŭ. Nirriccmandaŭ ferm din id-devozzjoni.

—L'aħħar *Avvis* li bagħtilna is-Segretarju tas-*St. John's Ambulance* ma stajniex ingibuħ, għax, mita ŭaslilna, il *Ħabib* chien diġà fil mâgna.

—Natu, kabel cull-ħadd, l'aħbar sabiħa li il *Cumitat Esecutiv tal Cungress Eŭcaristicu*, fl'aħħar lakgħa li chellu (il ħamis tal gimgħa l'oħra), iddecida li, jecc il *Cumitat General* icun jogħġbu, bil flus li baka' għandu isir *Munument impurtanti,* fil krib chemm jista' icun minn fejn chienet it-tribuna; u li minn daŭc il flus (*seba' mija u erbgħa u ħamsin lira*) ma għandha tintefak kabel ebda ħabba f'ħaġ'oħra. Jecc, imbagħd, ma icunux biż-żejjed biex il *Munument* icun ta unur għall Malta, issir ġabra għal dac li icun jonkos, imma ġabra ŭaħda ta *sold ir-ruħ.*— Frattant, ŭieħed mill'akua nies ta Malta chitbilna bit-Taljan daŭn il chelmiet li sejjrin ingibu bil Malti:

«Ħaġa sabiħa u nobbli li il *Munument tal Cungress Eŭcaristicu* isir b'*Concors* u il għażla tad-disinn issir minn Professur ta barra: iżda ma ninseŭx l'isem ta *Antonio Sciortino*, li b'li Sculturi tiegħu kiegħed isemmi il Malta mad-dinja u illum hu magħdud ma li *Sculturi celebri tal Eŭropa.* Jecc jaccetta hu il cumissjoni tal *Munument*, u la icun hemm bżonn ta *Concorsi* u inkas ta Professuri minn barra biex jagħżlu l'isbaħ disinni, għax, malli toħroġ il vuci li il *Munument* sejjer jagħmlu hu, il gażetti il cbar tad-dinja collha igħidu, kabel xejn ma icun sar, *Malta għandhom munument gŭapp u ix-xogħol ta Malti bħalhom* !

—Aħna m'aħniex contra il festa li iridu jagħmlu lill'Ingliżi b'nukkas ta kima u imħabba lejn l'Inghilterra: imma biss biex nuru li m'aħniex cuntenti bl'imgiba taħħom magħna. Jifmuha darba għal dejjem: bl'imgiba taħħom m'aħniex cuntenti, mhux bihom. Oħ, chiecu jibdeŭ jatuna mkar ftit-ftit dac li ħakkna, chemm jintebħu malajr bil cuntentizza u bl'imħabba tagħna għalihom! Dan għandha tifhem u għal dan għandha tħabrec il *Gażetta tas-Suldati u il Baħrin!*

—Nifirħu lill *Fratelli tal Cumpanija tar-Rużarju* tal Belt, li maħħom huma miġburin l'akŭa Predicaturi u Letterati ta Malta, għall għażla tal Predicatur bit-Taljan li chellhom is-sena: il Professur Dun Carm Psaila ma jonksu xejn fuk il pulptu u fid-dinja ħaġa ŭaħda biss tonksu—ftit tal arja. Għall *lingŭa* ma ngħidu xejn, għax jaħtieġ ineħħulu il cappell il cbar nett: imma l'*argument* ucoll chien ġdid għal collox u minsuġ b'ħila u għerf tal għageb. Għola, imbagħd, fuku in-nifsu u kâl ħŭejjeġ li ftit, ftit ŭisk, jistgħu igħiduhom bħalu, mhux biss fost il Cleru, imma ucoll fost is-Seculari, fejn miss it-thejjija tal Cnisja għar-Rużarju ta Marija bix-xhieda tal catacombi fit-*Tieni Seclu* tal Insara. Nifirħu lilu: imma ŭisk actar lill *Fratelli tar-Rużarju* li bagħtuħ isamma leħnu fuk il Pulptu tal Predicaturi.— Il panigircu bil Malti għamlu il Patri Majjistru Falzun, ġaŭhra tal Ordni Dumnican u onur tal pulpti ta Malta, bit-Taljan u bil Malti. Chemm għandna kima u rispett għal dan is-Sacerdot għaref u esemplari għidnieħ, jecc niftacru tajjeb, mita għamel il panigircu bit-Taljan ta San Publju.

—Tchellimna tant drabi fuk il Professur Bilion u fuk li Scôla tieghu, li ma nħossux actar il bżonn nuruħ kalbna: imma għal daŭc li ma jafuħx ingibu l' ismijet tat-tfal li għaddeŭlu is-sena mill'eżami, biex il karrejja, mil għadd u il qŭalità taħħom, jaraŭ chemm għandna ragjun inżommu dic li Scola b'ŭaħda mill'aħjar ta Malta.

Għas-*Sitt Classi tal Liceo*, Carmelu Giorgio, Dŭardu Lupi, Vittorju Vella Żarb, Dŭardu Żammit, Manŭel Borġ u Fredu Sanazzaro-Vizzari; għar-*Raba Classi*, Ġanninu Dingli, Ġorġ Gera u Victor Turnbull; għat-*Tielet Classi*, F. E. Vassallo, ta tlittax il sena bla magħluka.

Għas-Seminarju, Ġuseppi Portelli-Valentini u Ninu Xerri.

Għall'Ingenierija, Evaldu Meli.

—Nhar il ħadd l'ieħor, fid-9 ta bil lejl, fis-sala ta *Ginnastica*, saret il festa tal ftuħ ta li Scola taljana *Umbertu Primu*, li tŭakkfet haŭn il Belt, fi Strada Zecca, ħdejn il Cnisja tal Carmnu, taħt it-trigija tas-Sur Mast Carlu Borġ, ŭieħed mil għeżeż ħbieb tagħna; u chienet tas-seŭ festa sabiħa, festa magħmula bil għakal u bid-dehen minn Cumitat ta Taljani mill'actar rispettabbli, taħt it-tmexxija tal Conslu General Carrara, li stieden l'akŭa Cbarat ta Malta, chif ucoll l'ogħla nies tal Cleru. Hecc isiru il ħŭejjeġ, biex il festi, mita igħaddu, iħallu ŭarajhom, f'lôc imrar, cliem ħelu fil ħluk collha. Is-Sala chienet imżejjna b'gost cbir tas-Sur Rużarju Merola, li, ŭara li kiegħed ir-Re tiegħu fil post li chien jixraklu, ma nisiex italla trôn ieħor għar-Re tagħna; u mal bandiera taljana ma staħax ibatti il bandiera maltija u imbagħd ucoll l'ingliża. L'imgiba sabiħa tal Cumitat mal mistiednin faħħarha cull-ħadd u ma ngħidu xejn għar-*Ripò*, mil għona u mil itieb li rajna. It-tfal ta li Scola ucoll, bniet u subien, imkassmin f'żeŭġ ktajja u collha bil faxxa fuk sidirhom tal bandiera taħħom, saħħru il cull-ħadd u mita daħlu fis-Sala chellhom applaŭs cbir. Ħarġu xejn inkas imfaħħra is-Sur Mast Borġ bl'*Indirizz* u il Professur Laŭrenza bil *Poeżija* li kraŭ: imma, fuk collox, kalba tal festa chien id-*Discors* tal Conslu, cbir fil ħsieb u igħaxxak fil għamla. Il Conslu Carrara jaf jicteb u jaf igħid dac li jicteb, bħalma jictbu u igħidu il cbar tal Italja: l'eŭŭel ma resku jieħdulu b'idu, chienu is-Sacerdoti; u, fosthom, Monsinjur Ferris, Monsinjur Canvendish, il Professur Monsinjur Formosa u dac il letterat oħxon li ma jismux ħlief Dun Paŭl Vella. It-tislima tal Conslu Carrara lill Malta ta min jictibha fuk colonna f'nofs il Pjazza. Nifirħu lil cull-ħadd b'kalbna collha: u mil Cumitat insemmu b'ismu il Vici-Conslu, li hu il Cavalier Ŭigi Mazzoni, għax nafu li għal din il festa ħadem bosta.

# Minn gimgħa għal oħra

*3 ta Ottobru.* Ilbieraħ fil Parroċċa il ġdida ta Birżebbuġa saret l'eŭŭel Magħmudija. Bdieth tasseŭ tajjeb ir-Registru il Cappillan, għax fetħu b'Magħmudija ta suldat inglis li sar cattolicu.

—Dalgħodu, għal ħabta tad-disgħa, il Liceo ġrat disgrazzja li satgħet tcun bi cbira. Ŭieħed mil istudenti tal Università għaddej minn fuk bejt, bla ma ħares tafa riglejħ fuk *Skylight* taż-żgieġ, li nchiser biħ, u hu iġġarraf għal ġo classi. Baka fl'art għal għaxi u jecc ma mietx fid-dakka, jafu lis-surmast ta dic il classi, lil Mr. Rowley, li chif sama il csur taż-żieġ kalbu ħabritu u bilġri telak għal taħt li *skylight* jilka minn chien nieżel, u b'hecc sata bi driegħu jilkagħlu rasu li ma iħabbathiex mgħal art. Esempju l' actar sabiħ ta mħabba għal proxxmu, għax dac is-surmast ma kagħad xejn jaħseb li biex jeħles lil ħaddieħor mil meŭt chien jista iħalli ħajtu. Biż-żgieġ li nieżel correŭ tliet titfal oħra, imma mux ħŭejjeġ cbar. Il katgħa li ħadu it-tfal u'l għagħa li sar ma ngħidu xejn, u bosta missirijet li għandhom l' uliedhom il Liceo chif xterdet il bxara mgħal belt, telku bilġri għal hemm kalbhom tħabbat biex isaksu għalihom.

*4 ta Ottûbru.* Fix-xahar ta Settembru tŭieldu Malta 518, minnhom 278 rgiel u 240 nisa; u mietu 456, minnhom 228 rgiel u 228 nisa. Għaŭdex tŭieldu 71 u mietu 64. Mela żdidna bejn Malta u Għaŭdex 69 ruħ.

*6 ta Ottubru.* Ilbieraħ mgħas-sebħ, tas-Sliema, ŭieħed li chien sejjer għal caċċa lemaħ taħt ħajt ta dar caxxa żgħira. Il cursità għamlet biħ u fetaħħa. U x'isib? Tarbija mejta. Ħalla il caxxa fejn sabha u gera għand il Pulizja jati rapport. Din ġarret it-tarbija l'Isptar u bdiet titchixxef biex takbad il ħatjin. It-tobba, li raŭ it-tarbija mejta, kalu li meta għalkuha fil caxxa chienet ħajja. Delitt jiġbed ieħor u fejn iŭasslec ma tafx. Hecc ġara haŭn. B'inchejja fina li ngibu fuk il *Ħabib* ġrajja bħal din, imma aħna ma nħarsux għalina, imma lejn il gid li jista isir. Huma *scandli*, imma jiftħu ucoll għajnejn min imissu.

*7 ta Ottubru.* It-tabib Mattei, dac li ħa miegħu sebgħin ŭieħed għal *British Columbia* (Canada), chiteb ittra minn hemm fejn kal: «Il ħŭejjeġ tbiddlu hecc haŭn f'daŭn l'aħħar xhur, li ma naticx parir li tigi. L'actar li jitolbu haŭn nies tax-xogħol u mux tal iscola, u daŭc ucoll għal eŭŭel li jaslu ibatu sachemm isibu jaħdmu.»

*8 ta Ottubru.* Għat-taxxa ġdida, li għamel il Gvern fuk l'ilma, għidna li sejjra tcun ta ħsara għas-saħħa, issa nżidu li sejjra tcun ucoll ta deni għal Caxxa, għaliex, chif kalu il ġurnali, bosta nies neħħeŭ il *Meter* minn darhom.

—L'Agent (dac li jagħmel għal ħadd-ieħor u jilħaklu dmiru) Logotenent Gvernatur, mibgħut mil Gvernatur, mar għand in-Nutar, is-Sur Salv Caŭchi, missier dac l'istudent li corra il Liceo, biex isaksih għalih. Kallu li ibnu ma idumx ma icun mfejjak għal collox, jiżżiħajr taż-żjara u talbu igħid lil Gvernatur

li ma jafx chif jakbad jurih kalbu għal interess li ħa ta ibnu.

—Il ġranet li għaddeŭ l'Imħallef Parnis tà żeŭġ sentenzji li issemmeŭ fuk il ġurnali. Bl'eŭŭel ŭaħda icundanna għarusa tati tliet ħabbiet lil għarus tad-danni talli ħassret iż-żŭieġ, u bl'oħra kata' li m'hix ħaġa xierka (*illecita*) is-senserija fiż-żŭiegijet, u li għalhecc il ħottab ma għandux jedd għaliha.

—Fl'eŭŭel u fl'erbgħa tad-dieħel,jitilku mil Inghilterra il bcejjeċ tal gŭerra, li għandhom jingħakdu ma daŭn tal Mediterran għal *manuvri* fl'ibħra ta ma dŭarna.

—Il Gvern jgħarraf li Lixandra u Tripli, fl'Affrica, m'humiex iżjed miżmumin bħala artijet mniġġsin bil pesta.

*9 ta Ottubru.* Ŭasal il Logotenent Gvernatur. Ŭara dac li chitbu il ġurnali li sejjrin jatuna il Costituzjoni, collħadd kiegħed jistenna xi bxara tajba minn għandu.

—Fis-27 talli għadda, miet l'Inghilterra Mr. Chadwich, dac li chien mexxa haŭn ix-xogħol tal ilma.

—Il flotta tal Mediterran tcun haŭn għal aħħar tax-xahar.

—Is-Sorijet Adoratrici ta Strada Cristoforo, il belt, kalbhom maksuma iħabbru li tilfu il Generala tagħhom, ir-*Revma. Madre Maria di S. Maurizio,* li mietet Liogi, fil Belgju, ta ŭieħed u sebgħin sena u ŭara 35 li chienet ilha tmexxi l'Ordni. Jitolbu lil ħbiebhom li jiftacru f'ruħha ħalli fis takla il mistrieħ ta dejjem ġol genna.

IL HABBÂR.

## Chitbulna:—

Sbarc il-Laneċ.

L'Isla, 20. IX. 1913

Għażiż Sur Direttur,

Fl'aħħar irnexxieli li nara għall'inkas Kassis li jagħmel difiża publica lill Kassisin l'oħra. Daż-żmien ta 'llum ma tismax ħlief l'isem tal Kassisin f'ħalk cullħadd, specjalment f'ħalk daŭc li biż-żejjed il presenza taħħom biex tatihom fastidju. Għalhecc m'inhiex cuntent li jena nakra biss l'articoli sbieħ tiegħu: imma nitolboc ucoll biex mita tintaka' miegħu, tatiħ il *prosit,* għax *prosit* jimmeritaħ tas-seŭ il kalbieni Sacerdot Agius.

U f'li stess ħin ucoll, jecc jogħġboc, nitolboc turini daŭn il chelmtejn fil *Habib,* għaliex, emminni, ma niflaħx, u ma nistax nara actar nies, li fil miżerja taħħom icollhom munita biex jinkdeŭ biha, u imbagħad isibu li ma icollhom xejn. Imma naħseb, billi dan l'articlu jittratta minn din il materja, forsi li il Gvern jagħmel xi osservazzjoni. Imma narġa ngħid, ma jistax icun ucoll ta fejda għall caxxa tiegħu u ta but min għadu ma jagħrafx il Munita falza?

B'kalbi collha,
inselli għalic u niddichiara ruħi
serv ŭmli tas Sinjurija tiegħec

GIAC: DE GIOVANNI.

## Il Munita...

Ghegŭigija ta Munita falza tinsab fl'idejn, għamla ta coll xorta, bħalma huma: il bċejjeċ tal munita tal fidda minn ħames xelini sa *sixpence*: tar-Regina, bil curuna, mingħajr curuna u tar-Re Dŭardu, chif ucoll issa għandna il ġodda: tar-Re Ġorġ, li fil għamla taħħom jingħarfu xejn inkas milli jingħarfu tar-Regina u tar-Re Dŭardu.

Għaldakstant, billi ta spiss nara fl'idejn minn daŭn il muniti *foloz* li xi drabi tit-ħassru il min jatic biċċa munita biex tit-ħallas ta li spiża li icun għamel, il għaliex taraħ jistenna il bkija li icollu jifdal; u il bkija li tatiħ, tcun din: «Jecc jogħġboc, ibdilhieli għax m'hix tajjba.» Haŭn tcompli ticber il ħasra mita tara dac li msejchen ma jagħrafx x'jakbad jagħmel; biss, jakbad il biċċa tal munita f'idejħ, u araħ iċeċċicha. Ara, tajjba: ismaħħa!... Hecc iŭiegbec: imma dana m'hux biż-żejjed biex ŭieħed jagħraf il munita falza minn *genŭina,* biċ-ċeċċic. Il għaliex il cuntravventuri tal munita falza l'eŭŭel ħaġa li ilakkgħu fil munita hu il ħoss; u dan iġagħalni nieħdu b'ħaġa certa, il għaliex nosserva lin-nies li jeħdu il bkija tal flus jeŭ li idaħħlu xi flus b'dan il mod: jaraŭ jecc iċċeċċicx tajjeb, hiex lixxa jeŭ maħmuġa. Jigħieri: jecc iċ-ċeċċic tajjeb u ma tcunx lixxa, u tcun nadifa, allura dan hu biż-żejjed biex jinbuccaŭha ħelu, ħelu, bħala munita tajjba.

Minn xi drabi, min icollu mingħajr ma jaf minn din il munita falza fuku, jinzerta ma tcunx ġratlu ħsara żejjda f'butu għalchemm ħadd ma irid jinganna ruħu, għaliex forsi ma icunx jagħmilha tant ħażin; imma, minn xi drabi, jinzerta ŭieħed, li min jaf chif icun accŭista dic il biċċa munita, li għaliħ tajjba, biex imbagħad isibha falza, u haŭn jarġa isib ruħu mil ġdid b'dic il biċċa munita f'idejħ, għaliex ma tcun issarraf xejn!.. Għalhecc tħajjart li jen infiehem xi ħaġa lil din ix-xorta ta nies, li, minn għalihom trid iddum ŭisk biex titgħallem tagħraf chif tcun il munita falza mil genŭina.

Munita genŭina hi dic li toħroġ miz-Zecca. Jigħieri il munita li ixerred ir-Re mar-Renju u il Colonji tiegħu, biex bihom isir il cummerċ.

Il munita falza hi din, li kiegħdin ixerrdu il contravventuri, li chemm jistgħu jimitaŭ il genŭina biex timxilhom facilment. Imma, billi il cuntravventuri tal munita falza ma jużaŭx il fidda pura u għodod tajjba, jibka' li dejjem tcun tingħaraf. Issa intom li għadcom ma tgħarfux chif tcun din il munita falza; u forsi xi drabi sibtu ruħcom ingannati billi tŭicchejtu biha, araŭ chif għandcom tagħmlu biex tgħarfuha mingħajr tabħit ta xejn.

L'eŭŭelnett, il munita falza fid-daks tad-*daŭra tond* hi dejjem iċchen mil genŭina (xi drabi, m'humiex iċchen ix-xelini u is-sixpenzijet biss).

It-tieni, mita jigicom xi suspett jecc hix munita tajjba, atu dakka ta għajn lejn iċ-circu, fejn għandcom issibuħ maħdum imħarbat ħafna, jigħieri daŭc ir-righi (*groves*) ma icunu ugŭali xejn; jeŭ, biex niftehmu aħjar, ir-righi icunu magħmulin dakka usa u dakka idjak, mhux b'li stess vojt minn ŭieħed għall'ieħor; u xi drabi icunu xi ftit acbar; mentri fil munita *genŭina* (jigħieri magħrufa mir-Re) huma dejjem maħdumin ugŭali u eżatti.

Biex tistgħu taraŭ b'għajnejcom, ħudu munita tajjba u oħra falsa, kegħdu iċ-ċriechi ħdejn xulxin u taraŭ malajr x'differenza fix-xogħol tar-righi. Ŭara dan tcomplu tagħarfuhom mil ħeffa, għaliex, ma dan li s'issa fehemtcom, tibdeŭ tilmħu fiha bħal tisŭis u anchi l'ittri xi ftit imxellfin.

Imma xi uħud mil muniti, billi icunu għadhom ħergin fl'idejn, mhux għalchemm li ŭieħed jagħrafhom, jecc ma icunx li ta spiss jimmaniġġa il flus. Intant, biex nakta fil kasir, u ma indejjakx id-Direttur ta dan il ġurnal (għalchemm is Sur Ġużè ma naħsibx li sejjer jiddejjak, għaliex cert mittagħlim li iħobb juri fil *Habib*) u inkas nicconfondi żejjed lill karrejja tal *Habib,* nispiċċa billi narġa intenni li stess ħaġa. Katt tħallu, jecc ma tridux tingannaŭ rŭiehcom bil munita falza, li ma teżaminaŭx tajjeb iċ-circu u id-daks; u meta intom tintakgħu ma daŭn id-difetti, tħarbix fiċ-circu tal munita, tistgħu bil libertà collha turruftaŭha; u hecc tcunu kiegħdin tagħmlu gid lil butcom, u ma tħallux il ħaddieħor ikarrak bicom.

Actar: biex chif bdejt nispiċċa (la giet hecc), haŭn *Tmintax-Irbigħat* tar-Regina tal Ġubleŭ maħdumin tajjeb ŭisk, chemm fil fidda, chif ucoll fix-xogħol: biss għandhom ix-xifer ftit u xejn tond. Daŭn allura, jecc xi darba jiġu f'idejcom, ma għandcom għax ticconfondu xejn, atu ħarsa fejn hemm ir-Regina, u jecc issibu l'ittra *R.* fil chelma *GRA*: ma takbilx mal oħrajn: jigħieri rasha lixxa bħal din R. u mhux bid-daŭra ta fuk ħierġa il barra bħal din R, allura din tistgħu ucoll tirruftaŭha, għaliex tcun ucoll falza.

Mela, sa haŭn biż-żejjed biex tcunu tgħallimtu tagħarfu il munita tal fidda falza jeŭ *genŭina* liema tcun. Allura, meta tcunu tgħallimtu dan, tagħmlux bħal boloħ, li jcec jitŭiccheŭ b'xi biċċa munita falza, jippretendu li għandhom iżellkuha, għax hecc jigi li tcunu tagħmlu contra il Ligi u biha tistgħu issofru il conseguenzi li tħalli il munita falza!

G. D. GANNI.

## SIDTNA MARIJA

FIT-TLUGĦ TAGĦHA FIS-SEMA.

Chiefra! ma tridx jeŭŭilla l-ħadd ma tbarri,
chiefra blata kabrija?!
Ma tridx ja mkarrka karrieka ŭcoll tħassar
il Gisem ta' Marija?!
Infetaħ! ma tridhiex taħtec tiddallam
il cheŭcba Bint Sant'Anna?!
Infetaħ! ma tridx f-diek ħofortoc tasa'
fŭiħet dic is-susanna?!
Tberraħ ħa' toħroġ ix-xbejba Bint David,
il kofol tal ħulkien;
Ha' toħroġ dic il fŭieħa fejn iciedi
il gilju tal ŭidien;
U toħroġ dic id-dija li kuddiemha
u xmux u okmra tixxejjen;
U joħroġ dac il ġmiel li bih mhux ftit
ŭiċċ is-smeŭŭiet jiżżejjen.
Tberraħ, ja kabar! u int, ja sħab, inferak;
triek iftaħ f-dac il ŭisa:
Ma tarax bl-anġli mżegħda Lilha gejja,
li mbierca fost in-nisa?
U intebak arġa u fi trôn ta cburija
għal taħt riġlejha issaŭŭar.
Jinżel is-sema u b-tiegħu l-mant jgħattiha
bi cŭiecheb collu mfaŭŭar;
U ix-xemx fuk rasha tpoġġi, u fuk xuxitha
tnax il cheŭcba fi cliel;
U il bjuda tas-sultan għassies tal-ljeli
taħt riġilha titbiel.
Tfierak, ja sħab! infetħu ja smeŭŭiet!
ittajjar, o Marija,
Lejn dic il Belt, fejn ŭaħdec ixxortjata
fost collha li mhenrija,
Lilec biss jistħokk min-nisel tal mara
li fid-Dejr tal Cbir Alla
Bl-opra ta' Nifsu u bl-opra minn ta' Idejh
bla mittiefsa tittalla'.
Minn sema għal sema jidŭi, o Marija,
dac il cant ma tismax?
Ersak, Marija! ta djamanti u ġaħŭar
dac it-trôn ma tarax?
Itla', o Marija! li Mŭaħħad fi Tlieta
ma t'ralux dac il cliel?
Cliel ta' vittorja li Lilec se' jpoġġi
fuk lellûx dac id-dliel?
Ilka', o Marija, li mtellta curuna;
Sultanet il ħulkien,
Sultana fuk is-saltna minn tad-dlam
u is-saltna tas-sebħien.
Il-lum f-idejc il Kaŭŭa tal Missier
tissaŭŭab, o Marija;
U b-Għerf l-Iben tistagħna, u bi Mħabbitha
tfaŭŭrec Ruħ il Kdusija.
Ja Xbejba, l-lum u ħlejjak u Ħalliek
annuna u għalenija
Collha jagħrfuc b-Sultana, u jsellmulec:
Is-sliem għalic, Marija.

13.8.13. G. MICALLEF.

